**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 140/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Omissis**

**Illum, 27 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Omissis;

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Awwissu 2009 u fix-xahar ta' qabel:

a) Biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Awwissu u fis-sentejn ta' qabel:

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fi Frar 2008 u fit-tlett xhur ta' qabel:

c) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fi Frar 2008 u fi żmenijiet ta' wara:

d) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

U fl-aħħar nett talli f'dawn il-Gżejjer f'Awwissu 2007:

e) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Generali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi minkejja li fis-seduta tat-13 ta' April 2015, id-difiża ddikjarat li ma kinitx qegħda teżenta lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' x-xhieda mismugħa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, salv għax-xhieda

tax-Xjenzat Godwin Sammut, wara li reġgħu nstemgħu PS 364 David Borg u PC 773 Ryan Tonna quddiem din il-Qorti, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016, id-difiża ddikjarat illi kienet qegħda tirrinunzja għad-dikjarazzjoni tagħha tat-13 ta' April 2015 in kwantu l-eżenzjoni fir-rigward tax-xhieda mismugħa quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti, kif ukoll it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-29 ta' Awwissu 2009, għall-ħabta tas-1:00 a.m., pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga osservaw lill-imputat u lil terza persuna, ċertu Joseph Collict, b'*joint* ġewwa l-istabbiliment Havana, f'Paceville u għalhekk waqfuhom u għamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fuq Collict. It-tfittxija fuq dan tal-aħħar irriżultat fin-negattiv, iżda fil-pussess tal-imputat instabet sustanza suspettata ħaxixa ossia pjanta tal-*cannabis*. L-istess imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri. Waqt li l-imputat kien qed jiġi mitkellem mill-Ispettur Victor Aquilina, l-Uffiċjal Prosekutur f'dan il-każ, sar magħruf lill-pulizija illi l-imputat kellu ammont ieħor ta' *cannabis* ġewwa r-residenza tiegħu u għalhekk saret tfittxija ulterjuri fl-istess residenza, fejn bil-kooperazzjoni tal-imputat, instabet iżjed sustanza suspettata *cannabis*. Jidher li qabel dan, il-pulizija diġa` kienet għamlet tfittxija fir-residenza tal-imputat, iżda nstabet biss somma flus fl-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150). Wara t-tieni tfitxija fir-residenza tiegħu, l-imputat reġa' ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa rrilaxxja stqarrija nhar id-29 ta' Awwissu 2009, fl-9.45 a.m.[1]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ser tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Kif ingħad, l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija fid-29 ta' Awwissu 2009, fl-9.45 a.m., u għalhekk fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. Jirriżulta wkoll illi l-

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 16 u 17 tal-proċess.

istess imputat kien minuri fiż-żmien tal-każ u waqt l-interrogatorju tiegħu ma kienx akkumpjat mill-ġenituri tiegħu.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemm hekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali iżjed riċenti fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq,*

*fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Skartata l-istqarrija tal-imputat u fin-nuqqas ta' prova oħra fir-rigward, huwa evidenti illi l-imputazzjonijiet (ċ), (d) u (e), li permezz tagħhom l-imputat ġie akkużat bil-pussess 'sempliċi' tal-*ecstasy*, kokaina u raża tal-*cannabis* rispettivament u dan b'referenza għall-Frar 2008 (fil-każ tal-imputazzjonijiet ċ u d) u Awwissu 2007 (fil-każ tal-imputazzjoni e), ma jirriżultawx ippruvati.

Jibqa' għalhekk illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjonijiet (a) u (b). Dwar l-imputazzjoni (b) ossia dik li tikkontempla l-pussess 'sempliċi' tal-pjanta *cannabis*, jirriżulta mit-trattazzjoni finali tad-difiża, illi l-kontestazzjoni tagħha f'dan ir-rigward hija fuq żewġ binarji – waħda dwar il-mod li bih ġiet impostata din l-imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna u oħra dwar il-kontinwita` tal-prova ossia ċ-*chain of evidence* dwar is-sustanza esebita in atti, għaliex skont id-difiża din ma tirriżultax ċara mill-atti proċesswali.

L-ewwel punt imqajjem mid-difiża jirrigwarda l-fatt illi l-imputazzjoni (b) tirreferi fiċ-ċitazzjoni odjerna għad-"*29 ta' Awissu u fis-sentejn ta' qabel*". Kif tajjeb tissottometti d-difiża, il-Prosekuzzjoni naqset milli tniżżel is-sena li għaliha tirreferi din l-imputazzjoni. Tkompli għalhekk, id-difiża, illi l-imputat għandu jiġi liberat minn din l-istess imputazzjoni stante illi din ma tista' qatt tiġi ppruvata.

L-Artikolu 360(2) tal-Kap. 9 jgħid hekk:

"*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat*". [sottolinear tal-Qorti]

Id-difiża tirreferi għal diversi sentenzi sabiex issostni l-posizzjoni tagħha dwar il-punt sollevat minnha. Fl-ewwel lok tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, f'liema każ, l-appellant ikkontenda illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni kif lilu addebitat u dan stante illi l-fatti attwibwiti lilu kienu jirreferu għal data oħra, li ma kinitx dik indikata fl-akkuża. Skont l-appellant semmai l-azzjonijiet tiegħu kienu jirreferu għal xi żmien fil-bidu tax-xahar ta' Novembru 2009 u mhux għad-data tal-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel, kif indikat fl-akkuża.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal sentenzi oħrajn, fosthom dik tat-18 ta' Ottubru 2005, ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "ghall-habta tas-7.30 p.m.", mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "ghall-habta tas-7.30 a.m.", f'liema każ kien intqal hekk:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*"

Kompliet hekk il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-każ ta' Xerri:

"*Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*[2] *Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew*

---

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' April 2012.

*indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.*"

Fil-każ li kellha quddiemha l-Qorti tal-Appell Kriminali, irriżulta ċar illi l-appellant kien iddikjara illi l-kaxxa jew kabina nxtrat minnu għall-ħabta ta' Novembru 2009. Il-Qorti kompliet tgħid illi d-data jew iż-żmien li kellha tiġi ndikata fl-akkuża kellha tkun dik meta l-awtur tar-reat irċieva l-oġġett misruq. Il-Qorti qalet hekk dwar dan:

"*Issa mill-atti jirrizulta indubitat illi l-Prosekuzzjoni kienet mill-bidunett a konoxxenza ta' dak li kien qed jigi allegat mill-appellanti ghar-rigward tad-data tar-ricettazzjoni tal-oggett allegatament misruq, u dan sahansitra mill-interrogazzjoni ta' l-appellanti li sehhet fil-25 ta' Jannar 2010. Kwindi huwa inspjegabbli kif id-data ta' l-akkuza tirreferi ghall-'24 ta Jannar 2010 u il-jiem ta' qabel' meta jirrizulta illi din kienet biss id-data meta id-derubat ghamel ir-rapport lil pulizija illi kien lemah il-kaxxa tat-trukk tieghu fuq vann iehor u mhux id-data ta' meta allegaatment sehh il-kummissjoni tar-reat tar-ricettazzjoni. Dan iktar u iktar meta kien jirrizulta ukoll bhal fatt inkonfutabbli illi s-serqa kienet sehhet madwar sena qabel fl-10 ta' Frar 2009 u allura ir-reat seta' sehh fi kwalunkwe zmien bejn dawn iz-zewg dati u cioe' l-10 ta' Frar 2009 u l-24 ta' Jannar 2010. Abbinat ma dan, imbaghad hemm id-dikjarazzjoni ta' l-appellanti fl-istqarrija tieghu li mal-ewwel jinforma lil-pulizija illi huwa kien xtara il-kaxxa misjuba fil-pussess tieghu fil-bidu ta' Novembru 2009. Kwindi d-data indikata fic-citazzjoni qatt ma kellha tigi indikata bhala l-'24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel' billi dan ifisser illi l-appellanti kien qed jigi akkuzat illi ikkometta r-reat addebitat lilu f'dik il-gurnata jew f'xi granet qabel dik id-data u mhux fix-xhur ta' qabel. Illi il-bidu ta' Novembru 2009 certament ma jistax jaqa' fil-kwalifika tal-kliem "il-jiem ta' qabel" billi dan jirreferi ghax-xahrejn u nofs li ipprecedew iz-zmien indikat. Il-Qorti allura ser tieqaf hawn u tistqarr minnufih illi l-appellanti ghandu ragun fl-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex huwa qatt ma jista' jigi misjub hati li ikkometta r-reat lilu addbitat fid-data indikata fic-citazzjoni billi kellu jirrizulta ampjament mill-atti illi semmai dan ir-reat sehh ghal habta tal-bidu ta' Novembru 2009 jew ghal ta' l-inqas fix-xhur bejn Frar 2009 u Jannar 2010 u mhux certament fiz-zmien indikat fl-akkuza.*"

Fil-każ deċiż minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-30 ta' Novembru 2016, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Charles Sciberras</u>**, li wkoll tagħmel referenza għalih id-difiża fit-trattazzjoni tagħha, bħal fil-każijiet fuq ċitati, kien sar żball da parti tal-Prosekuzzjoni meta ġiet biex tindika l-ħin li għalih kienet tirreferi imputazzjoni partikolari:

"*It-tielet imputazzjoni u ċjoe li fl-ewwel ta' Lulju 2014 għall-ħabta ta' 1005hrs ta' filgħaxija ġewwa l-Imsida l-imputat allegatament kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest ma tistax titqies pruvata. Jekk xejn il-Prosekuzzjoni resqet provi fis-sens li l-imputat wettaq reat fl-ewwel ta' Lulju 2014 għall-ħabta* ***<u>tal-1005hrs ta' filgħodu</u>*** *ġewwa l-Imsida iżda l-Prosekuzzjoni u ma ppruvatx li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest għall-ħabta*
*ta'* ***<u>1005hrs ta' filgħaxija</u>*** *skont kif ġie msemmi fiċ-ċitazzjoni! ... id-dettall tal-ħin jista' jitqies li huwa wieħed mill-kriterji li huwa meħtieġ mill-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali (partikolaritajiet ta' żmien) u f'każ bħal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx integrat o meno.*"

F'din is-sentenza saret referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Andre` Falzon</u>**, li wkoll tagħmel referenza għaliha d-difiża fit-trattazzjoni tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll ikkunsidrat il-fatt illi l-appellant kien ġie akkużat talli wettaq reat f'data partikolari meta fil-fatt kien jirriżulta mill-atti u mill-provi mressqa illi l-fatti li wasslu għall-imputazzjonijiet in kwistjoni kienu seħħew f'data oħra li ma kinitx dik indikata fit-taħrika. Wara li l-Qorti rreferiet għas-sentenza fuq ċitata **<u>Il-Pulizija vs John Mary Briffa</u>** u għas-sentenzi fil-konfront ta' Warren Piscopo u Rita Thuema, li wkoll issemmew iżjed 'il fuq, kompliet hekk:

"*Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.*"

Jirriżulta ċar illi s-sentenzi kollha indikati mid-difiża u fuq ċitati jitrattaw żball fiċ-ċitazzjoni fir-rigward tad-data li fih seħħ l-allegat reat jew inkella dwar il-ħin tal-istess. Is-sitwazzjoni preżenti hija diversa għaliex hawnhekk il-Qorti m'għandhiex żball fid-data, żmien jew ħin li għalih tirreferi l-imputazzjoni (b), iżda semmai nuqqas fis-sena li għaliha tirreferi din l-imputazzjoni. Illi l-każ odjern jittratta xenarju differenti huwa wkoll konċess mid-difiża li, madankollu ssostni illi la darba żball fid-data jew fil-ħin iwassal għal nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-akkuża

kif dedotta, iżjed u iżjed dan għandu jkun il-każ fejn is-sena ma tiġix indikata. Skont id-difiża, id-data tal-akkuża hija element tant importanti illi allura kemm il-darba ma tiġix indikata, tali akkuża ma tistax tirriżulta ppruvata.

Fil-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** fil-5 ta' Awwissu 2003, f'liema każ l-imputazzjonijiet kienu jirreferu għas-"*26 ta' Lulju 2000 wara nzul ix-xemx*", il-Qorti qalet hekk fis-sentenza tagħha:

"*L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il-provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c-"cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Lulju 2007, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Patrick Borg</u>**:

"*Tajjeb hawn li jitfakkar, pero`, dak li gie kostantement deciz dwar in-natura tac-citazzjoni u f'dar-rigward huwa ghalhekk rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:*

*"**Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.**"*

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet* **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** *fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:*

***"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."***

*U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet* **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg***:*

***"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticit`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.***

**.....**

***Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."***

*Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:*

***"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."***

F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha illi huma dawn is-sentenzi li huma relevanti għall-kwistjoni li għandha quddiemha llum. M'hemmx dubju illi l-fatti tal-każ huma spjegati sew fiċ-ċitazzjoni odjerna, kif m'hemmx dubju wkoll illi għalkemm is-sena li għaliha tirreferi l-imputazzjoni (b) hija nieqsa, l-imputat kien jaf ben tajjeb dwar x'hiex u għal-liema żmien jew data kien qed jiġi akkużat. Biss biss fl-ewwel seduta li fiha nstemgħu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina, xehed dwar il-fatti li taw lok għall-imputazzjonijiet odjerni, liema fatti seħħew nhar id-29 ta' Awwissu 2009 meta, skont ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll tal-imsemmi Spettur, l-imputat instab fil-pussess ta' sustanza suspettata pjanta tal-*cannabis*. In oltre għalkemm dan il-każ ġie trattat *ab initio* bi proċedura sommarja, il-każ ma nstemax fuq medda ta' ġurnata jew tnejn, iżda anzi fuq medda ta' snin u għaldaqstant, m'hemmx dubju illi l-imputat kellu kull opportunita` sabiex jiddefendi ruħu, kif fil-fatt għamel. Għalhekk, fid-dawl tal-provi prodotti, minkejja dan in-nuqqas fid-data li għaliha tirreferi l-imputazzjoni odjerna, jirriżulta ċar illi din l-imputazzjoni tirreferi għas-sena 2009 u għall-ebda sena oħra, fatt dan

li d-difiża setgħet faċilment tikkonstatah waqt il-produzzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni u fatt li l-Qorti m'għandhiex dubju li d-difiża kkonstatu. Kuntrarjament għas-sentenzi ċitati mid-difiża fit-trattazzjoni tagħha, li lkoll jirreferu għal żball fid-data jew fil-ħin, meta allura ma setgħetx tinstab ħtija a bażi tal-imputazzjoni kif dedotta, fil-każ odjern, in-nuqqas fl-imputazzjoni ma jwassalx awtomatikament għal nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat, kif tippretendi d-difiża.

Din kienet ukoll id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, fil-każ minnha deċiż fis-27 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg**, f'liema każ ukoll il-Prosekuzzjoni kienet naqset milli tindika s-sena li għaliha kienu jirreferu l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Il-Qorti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza in materja, fuq l-istess binarji tas-sentenzi fuq ċitati, kompliet hekk:

"*Illi f'dan il-kaz kif diga' inghad id-difiza ma ssollevatx dan in-nuqqas ta' indikazzjoni tas-sena. Mill-atti jemergi ben car ghal-liema sena jirreferu l-allegati reati kemm inkwantu ghax-xhieda prodotta kif ukoll iz-zewg certifikati medici li gew ezebiti kif ukoll l-okkorrenza. Jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputat kien jaf ben tajjeb biex kien qieghed jigi akkuzat tant li din il-kawza kienet assidwament kontestata mid-difiza u saru anki kontro-ezamijiet serrati. Inoltre' f'dan il-kaz m'ghandnix kwistjoni li kien hemm indikazzjoni ta' sena zbaljata bhalma gara fil-kaz succitat ghaliex naturalment f'dak il-kaz il-kunsiderazzjonijiet li riedu jsiru setghu kienu differenti, izda fil-kaz odjern is-sena thalliet kompletament barra. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tipprocedi bil-kaz.*"

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kemm PC 773 Ryan Tonna, kif ukoll PC 364 David Borg xehdu darbtejn f'dawn il-proċeduri u dan stante illi d-difiża ma eżentatx lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' x-xhieda mismugħa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Jirriżulta mix-xhieda ta' **PC 773 Ryan Tonna** tat-8 ta' Ottubru 2013[3], illi fid-29 ta' Awwissu 2009 għall-ħabta tas-1:00 a.m., ġewwa l-istabbiliment Havana f'Paceville, kienu raw lil ċertu Omissis ossia l-imputat odjern, ipejjep *joint* flimkien ma' sieħbu. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, instabu "*hames*

[3] Ara a fol. 23 u 24 tal-proċess.

*(5) boroz bil-grass, suspettata haxixa u kellu landa, kellu xi tlett boroz gol-landa, kellu borza gol-but u borza mal-art*".[4]

L-istess PC 773 Ryan Tonna reġa' xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016.[5] Huwa jgħid illi fuqu l-imputat kellu borża b'sustanza suspettata droga u ġol-but tal-qalziet kellu landa bi tliet boroż oħra, wkoll kontenenti sustanza suspettata droga. In oltre mal-art instabet borża b'sustanza suspettata droga. Jgħid ukoll illi sussegwentement kienu marru ġewwa r-residenza tiegħu, iżda ma nstab xejn. In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi fir-residenza jiftakar li kien hemm xi flus, iżda ma ftakarx kemm kien l-ammont. Ftakar li l-imputat kien ma' persuna oħra u li fuq il-persuna l-oħra ma nstab xejn. Ma ftakarx lil min eżattament huwa kien għamel it-tfittxija, iżda ftakar li l-imputat prova jirreżisti l-arrest. Jgħid illi jista' jkun illi f'dan il-każ baqgħu sejrin bih id-dar sabiex issir it-tfittxija u li normalment jekk ma tkunx ser issir tfittxija fir-residenza, il-persuna arrestata tittieħed fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Għalkemm jiftakar li kienu marru fir-residenza tiegħu, ma ftakarx jekk qabel kinux marru l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Jgħid ukoll illi t-tfittxija fid-dar saret minnu, minn PC 364 u Saviour Baldacchino. Ma jiftakarx jekk fir-residenza kienx hemm xi ħadd ieħor preżenti apparti l-imputat.

Fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2013[6], **PS 364 David Borg** jgħid illi fid-29 ta' Awwissu 2009, għall-ħabta tas-1.30 a.m., waqt illi flimkien ma' PS 396 (illum l-Ispettur Saviour Baldacchino) u PC 773, kienu qegħdin xogħol ġewwa l-Havana, innutaw tnejn min-nies ossia lill-imputat odjern u lil ċertu Joseph Collict, jaqsmu sigarett bejniethom u għalhekk iddeċidew li jwaqqfuhom. Fil-waqt illi l-kollegi tiegħu marru fuq l-imputat odjern, huwa mar fuq it-terz. Jiftakar li nqalgħet kommossjoni għaliex l-imputat irritalja fil-konfront tal-kollegi tiegħu, li skont hu, sabulu tliet boroż ġewwa landa, liema boroż kienu jikkontjenu sustanza suspettata *cannabis grass*, "*sabulu borza oħra l-istess gol-but tieghu u borza ohra minn mal-art, kellu borza f'idejh*" u jgħid ukoll illi aktar tard mid-dar tal-imputat, ġiet elevata somma flus, madwar €150, li kienet f'borża tal-pannu.

Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2015[7], l-istess PS 364 David Borg xehed illi fil-jum in kwistjoni, waqt li kienu qegħdin ġewwa l-Havana, hu u l-kollegi tiegħu nnutaw żewġ persuni maskili jaqsmu dak li huma ssuspettaw li kien *joint* tal-*cannabis*. Waqqfuhom u fil-waqt illi huwa żamm lit-terz, ċertu Joseph Collict, il-kollegi tiegħu marru fuq l-imputat odjern. Inqalgħet ftit tal-kommossjoni u f'id l-imputat

---

[4] Ara a fol. 23 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 62 sa 68 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 25 u 26 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 55 sa 61 tal-proċess.

instab *joint*. Jgħid ukoll illi l-imputat kellu wkoll borża kannella b'sustanza suspettata *cannabis grass* u kellu kaxxa tal-landa bi tliet boroż oħrajn, li wkoll kienu jikkontjenu sustanza suspettata *cannabis grass* u mal-art kien hemm borża oħra b'sustanza simili. Jgħid ukoll illi waqt tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu, mill-kamra tas-sodda tal-imputat elevaw ukoll borża tal-pannu aħdar li kienet tikkontjeni s-somma ta' €150. L-affarijiet kollha elevati ngħataw lill-Ispettur.

In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi għalkemm jiftakar illi l-borża bil-flus ġiet elevata mill-kamra tas-sodda, ma jiftakarx eżatt fejn instabet stante li kienu għaddew sitt snin minn dakinhar tal-każ. Jgħid illi wara li l-imputat ġie arrestat ġewwa l-istabbiliment Havana, kienu marru fir-residenza tiegħu, skont dak li jiftakar. Ma ftakarx madankollu jekk l-ewwel l-imputat itteħidx ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, imbagħad marru wara fir-residenza tiegħu, għalkemm reġa' rrepeta illi minn dak li jiftakar, l-imputat ittieħed dritt fir-residenza tiegħu sabiex issirlu tfittxija hemmhekk minn Paceville.

Xehed ukoll l-**Ispettur Saviour Baldacchino** fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2016.[8] Jgħid illi fil-jum in kwistjoni, hekk kif telgħu t-taraġ tal-istabbiliment Havana, hu u l-kollegi tiegħu nnutaw żewġ żgħażagħ ipejjpu sigarett bejniethom u li dan qajjmilhom suspett li kienu qegħdin ipejjpu *joint*. Għalhekk saret tfittxija fuq iż-żewġ persuni. Fil-waqt illi x-xhud għamel referenza għar-rapport ta' PC 364, huwa qal illi wieħed minn dawn il-persuni kien l-imputat odjern, li fil-pussess tiegħu nstab *joint*. Mill-qalziet tiegħu, ġiet elevata wkoll borża li kien fiha sustanza suspettata *cannabis grass*. Jgħid ukoll illi kienet inġibditilhom l-attenzjoni li l-imputat kien rema kaxxa tal-ħadid u sabu din il-kaxxa li kien fiha tliet boroż oħra li kienu jikkontjenu l-istess sustanza. Skont ix-xhud, fir-rapport kien hemm imniżżel li l-imputat kien ġie nnutat jarmi l-kaxxa, iżda hu ma kienx rah jarmiha. Jgħid illi x'ħin marru fuqu, huwa beda jirreżisti l-arrest, u kien hemm li nqalgħet il-kwistjoni tal-kaxxa u li huwa kien ra din il-kaxxa mal-art. Skont ix-xhud, hekk kif infurmaw b'dan lill-Ispettur Aquilina, dan ordnalhom li jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn kienet instabet is-somma ta' madwar €150. Dan kien xi l-4:00 a.m. u dak il-ħin ma nstabitx droga. Jaf li sussegwentement saret tfittxija oħra fl-istess residenza li fiha nstabet xi droga, iżda huwa ma kienx involut f'din il-parti tal-investigazzjoni.

Da parti tagħha, **WPS 12 Andrea Grech** xehdet illi wara d-dikjarazzjonijiet li għamel l-imputat mal-Ispettur Aquilina, hija marret fir-residenza tal-imputat, li da parti tiegħu wriehom sustanza li kienet tinsab ġewwa din ir-residenza li, skont ix-

---

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 71 sa 74 tal-proċess.

xhud, kienet sustanza suspettata raża tal-*cannabis*.[9] Skont **l-Ispettur Victor Aquilina**, wara din is-sejba, l-imputat reġa' ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex ikompli jiġi investigat. Matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Uffiċjal Prosekutur esebixxa s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, kemm fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll fir-residenza tiegħu bħala "*haxixa suspettata Cannabis grass*".[10]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, nominat bħala espert f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* immarkat S/B/466/2013 li kien fih is-segwenti: Landa tal-metall ta' lewn il-fidda bil-kliem *Boots Expert* li fiha:

1) 3 boroż tal-plastik li fihom ħaxix ta' lewn aħdar/kannella u karta bil-kliem Data 29-08-09 Hin ____ Elevat/i minn bedroom (wardrobe) fil-preżenza ta' Omissis minn WPS 12;

2) Borża tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data 29-08-09 Hin 1am Elevat/i minn ġol-but ta' Omissis fil-preżenza ta' Omissis minn PC 773, PC 364 (ii) landa tal-metall vojta u (iii) 3 boroż żgħar li fihom ħaxix ta' lewn aħdar;

3) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 29-8-09 Hin 1am Elevat/i minn ma l-art ġewwa Havana fil-preżenza ta' Omissis Joseph Collict minn PC 773, PC 364 u borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix ta' lewn aħdar/kannella;

4) Borża tal-plastik trasparenti li fiha: (i) karta bil-kliem Data 29-08-09 Hin 1am Elevat/i minn ġol-but ta-shorts ġewwa Havana fil-preżenza ta' Omissis minn PC773, PC396 (ii) pakkett ta' *smoking papers* u (iii) biċċa karta li fiha ħaxix ta' lewn aħdar/kannella;

5) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 29-08-09 Hin 1am Elevat/I minn idejn Omissis fil-presenza ta' Omissis Joseph Collict minn PC773, PC364, PS396 u *joint.*

L-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti dwar dan id-dokument:

[9] A fol. 21 u 22 tal-proċess.
[10] A fol. 13 sa 15 tal-proċess.

a) Fuq estratt meħuda mill-*joint* instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar/kannella nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Il-piż total tal-ħaxix kien ta' 112.55 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 3.0%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[11]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

It-tieni punt issollevat mid-difiża dwar din l-imputazzjoni (b) huwa illi d-droga *cannabis* elevata minn WPS 12 ġewwa r-residenza tal-imputat ma ġietx murija lill-istess WPS 12 waqt ix-xhieda tagħha u għalhekk hija baqgħet ma kkonfermatx illi din kienet l-istess sustanza elevata minnha minn tali residenza. L-istess tgħid id-difiża fir-rigward tal-bqija tas-sustanza elevata mill-pussess tal-imputat ġewwa l-istabbiliment Havana. Skont id-difiża dan jirriżulta f'nuqqas fil-kontinwita` tal-prova u li konsegwentement, dan joħloq dubju dwar id-droga li ġiet esebita fl-atti. F'dan ir-rigward, id-difiża tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri** deċiż mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Mejju 2007, f'liema każ l-akkużat kien eċepixxa *inter alia* illi d-dokument JS ossia *tape recording* li allegatament sar mix-xhud Joseph Scicluna waqt konversazzjoni li huwa kellu mal-akkużat, esebit mix-xhud l-Ispettur Mario Tonna kien inammissibbli bħala prova stante li t-teħid tiegħu u l-mod kif gie ottenut u finalment ipprezentat fl-atti ta' dawn il-proceduri ma kienx konformi mal-ligi w mas-salvagwardji kontenuti fil-liġi dwar l-ammissibilita' tal-prova. Dwar dan id-dokument, irriżulta mill-atti proċesswali illi l-istess Joseph Scicluna baqa' ma kkonfermax bil-ġurament li huwa kien irċieva u rrekordja t-telefonata kontenuta f'dan ir-*recording* u għalkemm xehed fil-mori tal-proċeduri, huwa ma semma xejn dwar dan it-*tape.*

Il-Qorti kompliet hekk dwar il-każ li kellha quddiemha:

"*Illi ghalkemm mit-test citat mil-akkuzat mehud mill-ktieb Cross+ Taper On Evidence ma jirrizultax li tali recording hu minnu nnifsu illegali jew inamissibbli, pero' jista' jitqies li jkun inammissibbli fejn ikun gie ottjenut illegalment (***R. v.**

[11] Ara r-relazzjoni tal-espert esebita a fol. 31 sa 48 tal-proċess.

***Senat* , R. v. Sin** *(1968)52 Cr App Rep 282) jew bi ksur ta' public policy. (***R. v. Migliorini*** *(1981) 38 ALR 356); Dan ma jirrizultax f'dan il-kaz.*

*Pero' hemm awtorita' li tghid li f'guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l-provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (***R.v. Robinson and Harris****; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u* ***Butera v DPP*** *(1987) 164 CLR 180. p.184).*

*Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir-recording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-recording, u kif u f'liema cirkostanzi hadu u x'mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x'aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il-prova tal-kontinwita' tal-evidenza.*" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

*Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat u tiddikjara il-cassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata.*"

Il-Qorti jidhrilha illi l-kwistjoni sollevata quddiemha hija differenti minn dik trattata fis-sentenza fuq ċitata. F'dak il-każ, il-prova tal-kontinwita` tal-evidenza kienet difettuża għaliex il-persuna li allegatament irrekordjat il-konversazzjoni telefonika bejnha u bejn l-akkużat baqgħet ma kkonfermatx illi kienet għamlet dan, kif lanqas ma kkonfermat illi r-*recording* esebit fl-atti proċesswali kien dak li għaddiet hija stess lill-Ispettur Mario Tonna, bir-riżultat illi baqgħet ma rriżultatx fl-atti l-provenjenza tar-*recording* esebit. Fil-każ odjern, madankollu, il-pulizija li għamlu t-tfittxijiet relattivi xehdu dwar fejn saru dawn it-tfittxijiet u x'kien instab fil-pussess tal-imputat, minkejja li ma kkonfermawx illi d-droga esebita fl-atti kienet proprju d-droga li ġiet minnhom elevata.

Fil-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Jannar 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. N. Harrison) vs Keith Pawney**, id-difiża wkoll attakkat il-prova tal-kontinwita` tal-evidenza u dan għal diversi raġunijiet ossia illi skont l-istess difiża, ma saritx il-prova dwar kif il-pilloli elevati finalment waslu fil-Laboratorju Forensiku fejn ġew mgħoddija lill-espert forensiku; illi quddiem l-ewwel qorti, il-borża tal-pilloli ma ġiet qatt identifikata mix-xhieda li elevawha; illi l-persuna li suppost irċeviet dan id-dokument mingħand min elevah ossia WPS 102 Ruth Magro kienet kompletament estranea għall-każ peress illi kienet tissemma biss f'dokument redatt minn membru tal-AFM; illi WPS 100 li suppost għaddiet il-pilloli lill-espert forensiku kienet ukoll estranea għall-każ u tissemma biss fir-rapport tal-istess espert; illi ma kien jirriżulta ebda ness bejn WPS 102 u WPS 100 u finalment illi l-identita` tal-awtur tad-deskrizzjoni tad-dokument analizzat li tidher fir-relazzjoni tal-espert forensiku u li għaliha tagħmel referenza l-ewwel qorti baqgħet injota, kif baqa' injot iż-żmien meta ġiet miktuba din id-deskrizzjoni.

Dwar dan l-aggravju il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*...it-tieni aggravju ... jattakka l-aspett tan-nuqqas ta' kontinwita` tal-evidenza. Bhala fatt l-appellant ghandu ragun f'dak li ssottometta f'din il-parti tar-rikors tal-appell. Ma ngabux jixhdu la WPS 102 Ruth Magro, li tidher il-firma taghha fuq il-"Handing/Taking Over Certificate" (fol.50) bhala l-persuna mill-Korp tal-Pulizija li suppost irceviet il-25 pillola suspettata li kienet extasy fit-2 t'Ottubru, 1999 fl-00.45 hrs. minghand C Rifle Company u lanqas WPS 100 V. Fenech Buontempo, li skond ir-relazzjoni tal-espert Spizjar Mifsud (fol. 8 tal-process verbal) kienet il-persuna li ghaddietlu 25 pillola ghall-analisi skond is-"Submission of Articles to Forensic Science Laboratory Form (fol. 15 tal-process verbal).*

*Illi pero' l-Prosekuzzjoni rribadiet billi ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza "Repubblika ta' Malta vs. Emanuel Cardona" [16.11.2000], fejn kien gie deciz "li legalment ma jsegwix li ghax il-procedura, kawteli u formalitajiet li jkunu gew addottati fit-tehid, preservazzjoni u analizi tal-kampjuni/swabs ikunu difettuzi, necessarjament ma jibqalhomx valur probatorju."*

*Di fatti dik il-Qorti, fejn kien qed jigi obbjettat u fejn l-istess Qorti qablet li kien hemm difetti serji w nuqqas ta' professjonalita' in generali fil-gbir ta' swabs ghall-"gun shot residue" u kif dawn ghaddew minn id ghall-ohra sakemm saret l-analizi eventwali taghhom, irriteniet li:-*

*"….jidher ukoll minn dak li jimmira ghalih il-legislatur fl-artikolu 568 (2) tal-Kap.9 fejn hemm stabilit li n-nuqqas tal-kawteli jew formalitajiet li ghalihom il-ligi tirriferi, mhux ta' impediment illi fil-kawza tkun tista' ssir, bil-mod li taghti l-ligi, l-prova tal-fatti li ghalihom dawk il-kawteli jew formalitaijiet jkunu jirriferu. Jigifieri….jekk nonostante d-difetti u nuqqasijiet kollha, x-xenarju li jemergi jkun jissodisfa lil min irid jiddeciedi li dak li gie indikat u analizzat … hu verament … (l-oggett) li gie elevat …allura l-argument relattiv ghan-nuqqasijiet jitlef mill-importanza tieghu billi ma jibqax validu l-argument li n-nuqqasijiet jeliminaw il-valur probatorju."*

*U dik il-Qorti ziedet tghid hekk:-*

*"F'dan il-kaz din il-Qorti tinsab sodisfatta, li benche' kien hemm nuqqasijiet sinjifikanti f'dik li hi procedura, kawteli u formalitajiet kif anki f'dik li hi professjonalita', ma hemm indikazzjonijiet li anki minimament ghandhom iwassluha biex tiddubita jekk il-gurija seghetx tkun sodisfatta…" (dwar diversi fatti li rrizultaw f' dak il-kaz)."*

*Ghalhekk jidher li finalment il-kwistjoni tirrizolvi ruha f'wahda ta' apprezzament tal-fatti minn min ghandu jiggudika, f'dan il-kaz mill-Magistrat li ppresjieda l-Ewwel Qorti u li ta s-sentenza appellata.*

*Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*

*…*

*Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, nonostante d-difetti fil-kawteli w proceduri li hu jillamenta minnhom.*

*Illi l-Ewwel Qorti dahlet f'din il-kwistjoni "funditus" fil-paragrafu 42 u 43 tas-sentenza appellata w kkonkludiet li kienet sodisfatta li l-pilloli li kienu gew elevati mill-post fejn kien sar ir-road block u gew konsenjati lil WPS Ruth Magro ftit sieghat wara skond ma jidher mid-dokument esebit fuq imsemmi u dawk li*

*eventwalment gew konsenjati lill-espert forensiku, l-Ispiżjar Mifsud minn WPS 100 V. Fenech Buontempo huma l-istess li hemm esebiti bhala dok. 99 CIV 01 u dan ghax id-dettalji kollha fuq id-dokumenti relattivi jaqblu bejnithom u ma dak li xehdu x-xhieda li kienu prezenti waqt ir-road block. Ghalhekk l-Ewwel Qorti rriteniet li kienet moralment sodisfatta minn din il-prova u ma rat ebda raguni ghaliex kellha tahseb li l-pilloli ezaminati mill-espert Mario Mifsud mhumiex l-istess pilloli li nstabu fuq il-post tar-road block. Din il-Qorti ukoll, minkejja li bla tlaqlieq tghid li kien ikun ferm aktar salutari kieku ngiebu jixhdu ukoll WPS Magro u WPS V. Fenech Buontempo, l-fatt li ma xehdux ma ghandux iwassal biex din il-prova hekk importanti tigi skartata w tigi dikjarata inammissibbli kif qed jippretendi l-appellant.*"

Fil-każ odjern, il-pulizija li għamlu t-tfittxijiet relattivi xehdu dwar fejn saru dawn it-tfittxijiet u x'kien instab fil-pussess tal-imputat, minkejja li ma kkonfermawx illi d-droga esebita fl-atti kienet proprju d-droga li ġiet minnhom elevata. Imbagħad minn ħarsa lejn l-esebiti u d-deskrizzjoni tagħhom, kif tirriżulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, meta mqabbla max-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li xehdu f'dan il-każ u li sabu d-droga in kwistjoni, lanqas ma jista' jkun hemm dubju illi d-droga esebita u analiżżata mill-istess Xjenzat hija proprju l-istess droga misjuba fil-pussess tal-imputat odjern. Effettivament anke t-*tags* mal-istess esebit jindikaw proprju lill-uffiċjali kollha tal-pulizija li għamlu s-sejbiet in kwistjoni. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-ewwel xhieda tiegħu, PC 773 Ryan Tonna qal b'referenza għat-tfittxija li saret ġewwa l-istabbiliment Havana, illi b'kollox instabu ħames boroż bil-*cannabis* – xi tliet boroż ġo landa, borża fil-but u borża mal-art, apparti l-*joint* u l-istess jerġa' jixhed dan ix-xhud fit-tieni xhieda tiegħu. Din hija proprju d-deskrizzjoni tad-droga esebita, kif jirriżulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat Sammut. L-istess ukoll jixhed PS 364 David Borg fl-ewwel xhieda tiegħu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta – ossia li nstabulu tliet boroż ġewwa landa, liema boroż kienu jikkontjenu sustanza suspettata *cannabis grass*, borża oħra ġol-but tiegħu u borża oħra mal-art, għalkemm jgħid ukoll illi kellu borza f'idejh. Fit-tieni xhieda tiegħu, imbagħad, tista' tgħid illi jerġa' jirrepeti dak li jgħid fl-ewwel xhieda u ċioe` illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu borża kannella b'sustanza suspettata *cannabis grass*, kaxxa tal-landa bi tliet boroż oħrajn, li wkoll kienu jikkontjenu sustanza suspettata *cannabis grass* u mal-art kien hemm borża oħra b'sustanza simili. Jgħid ukoll illi f'id l-imputat instab *joint*, proprju kif indikat fit-*tag* akkumpanjanti l-*joint.*

Irid jingħad in oltre illi PS 364 jgħid fix-xhieda tiegħu illi meta l-imputat ġie skortat lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, huma għaddew is-sustanza in kwistjoni lill-Ispettur, l-Uffiċjal Investigatur f'dan il-każ, li wara kollox kien huwa

stess illi mbagħad esebixxa s-sustanza f'dawn il-proċeduri, liema sustanza ġiet imbagħad analiżżata mix-Xjenzat Godwin Sammut wara li huwa rtiraha mingħand id-Deputat Reġistratur Andre` Azzopardi, ossia l-persuna addetta mill-esebiti ġewwa l-bini tal-Qorti, kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-istess espert. L-istess irid jingħad fir-rigward tal-*cannabis* elevata mir-residenza tal-imputat minn WPS 12 Andrea Grech. Issa veru illi fix-xhieda tagħha, din tgħid illi dak elevat mir-residenza kien jikkonsisti f'raża tal-*cannabis* u mhux pjanta kif fil-fatt kien, pero` apparti illi din mhijiex esperta fid-droga, mit-*tag* anness mal-esebit jirriżulta ċar x'kien dak li nstab minn WPS 12 fil-presenza tal-imputat odjern. L-esebiti kollha, inkluż dak elevat minn WPS 12 kienu fl-istess dokument esebit mill-Uffiċjal Prosekutur, u għalhekk il-Qorti m'għandhiex dubju illi dak kollu esebit u analiżżat kien proprju dak li ġie elevat f'dan il-każ. Ta' min jinnota wkoll illi fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Victor Aquilina jgħid ukoll illi huwa kien interrompa l-interrogatorju tal-imputat sabiex issir tfittxija fir-residenza tiegħu, ġiet elevata iżjed *cannabis* li kienet tammonta għal madwar 120 gramma mill-istess residenza u l-imputat reġa' "*inġab ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija*".[12] Dan ifisser illi d-droga in kwistjoni ġiet ikkonsenjata lill-Uffiċjal Investigatur wara li ġiet elevata. Effettivament anke fl-istqarrija tal-imputat ġie indikat illi l-interrogatorju kien ġie interrott u li tkompla ftit tal-ħin wara – "*Bħalissa huma l-11am u din l-istqarrija qed tigi interrotta u qed titkompla bhalissa il-hin huwa 12.45pm.*"[13]

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-prova tad-droga hija inammissibbli u li għandha tiġi skartata.

Sorvolati dawn il-punti mqajjma mid-difiża, in kwantu l-imputazzjoni (b) jirriżulta ċar illi fil-jum in kwistjoni ossa fid-29 ta' Awwissu 2009, l-imputat kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta tal-*cannabis* kemm ġewwa l-Havana, kif ukoll ġewwa r-residenza tiegħu. Dak li għandha dubju dwaru l-Qorti huwa biss dwar il-borża bil-*cannabis* li nstabet mal-art ġewwa Havana għaliex ħadd mill-uffiċjali tal-pulizija preżenti ma jgħid illi ra lill-imputat jarmiha.

Tenut kont tas-suespost, il-Qorti qegħda tqis illi l-imputazzjoni (b) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, għalkemm dan in kwantu biss id-29 ta' Awwissu 2009 u mhux is-sentejn ta' qabel din id-data, fir-rigward ta' liema perjodu ma tirriżulta l-ebda prova fl-atti.

---

[12] Ara a fol. 14 tal-proċess.
[13] A fol. 17 tal-proċess.

Jibqa' biss illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjoni (a) ossia dik li tikkontempla r-reat ta' traffikar tal-pjanta *cannabis*. Huwa evidenti illi din l-imputazzjoni hija bażata fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Skartata din l-istqarrija, ma tirriżultax prova fl-atti illi l-imputat biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis*. Id-difiża trattat fit-tul dwar id-distinzjoni bejn ir-reati ta' traffikar u pussess aggravat biex tissottolinea l-fatt illi l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' pussess aggravat tal-istess droga taħt l-imputazzjoni (a) li, kif ingħad tikkontempla r-reat ta' traffikar, la darba r-reat ta' pussess aggravat m'huwiex reat kompriż u involut fir-reat ta' traffikar. F'dan ir-rigward, id-difiża għandha raġun. Iż-żewġ reati huma reati separati u distinti minn xulxin, tant illi l-liġi titrattahom f'disposizzjonijiet differenti. L-att materjali meħtieġ fir-reat ta' traffikar mhuwiex l-istess wieħed rikjest fir-reat ta' pussess aggravat tad-droga. Fil-waqt illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jipprovdi definizzjoni wiesgħa ħafna ta' dak li jikkostitwixxi r-reat ta' traffikar ossia l-att materjali li jeħtieġ li jirriżulta sabiex jissussisti dan ir-reat, min-naħa l-oħra sabiex jissussisti r-reat ta' pussess aggravat ossia pussess ta' droga f'tali ċirkostanzi li juru li d-droga m'hijiex intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, l-att materjali li tirrikjedi l-liġi huwa sempliċiment il-pussess tad-droga. Waħda mis-sentenzi li ġiet ċitata mid-difiża fit-trattazzjoni tagħha u ċioe` dik mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-17 ta' April 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Trevor Ciangura**, trattat proprju dan il-punt. F'dak il-każ, kważi identiku għall-każ odjern, l-imputat kien ġie akkużat *inter alia* bit-traffikar tad-droga eroina u fil-waqt illi d-difiża sostniet illi miċ-ċirkostanzi tal-każ, seta' jirriżulta r-reat ta' pussess aggravat iżda mhux ta' traffikar la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, mill-banda l-oħra, il-Prosekuzzjoni argumentat illi r-reat ta' pussess aggravat huwa kompriż u involut fir-reat ta' traffikar u allura xorta waħda setgħet tinstab ħtija dwar pussess aggravat għalkemm dan ma kienx wieħed mir-reati li ġie akkużat bih l-imputat. Dwar dan il-Qorti qalet hekk:

"*Illi ir-reati tal-pussess aggravat u dak tat-traffikar huma zewg reati awtonomi li l-ligi titratta dwarhom f'zewg disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 li huma differenti minn xulxin. Illi filwaqt li l-artikolu 22(2)(b)(i) jitkellem dwar ir-reat tal-pussess aggravat, ir-reat dwar it-traffikar huwa ikkontemplat fl-artikolu 11 u definit fl-artikolu 22(1)(IB) ta'l-istess Ordinanza. Fil-fatt il-ligi taghna tahti definizzjoni mill-iktar wiesgha ta' dak li jammonta ghal "traffikar". Kif stqarret il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb*[14]*:*

"***It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod***

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar 2001.

***gratwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun efettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed.***"

*Illi l-artikolu 22(2)(b)(i) jiddisponi imbaghad:*

*"meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (IĊ) jew (ID) jew (IE) ..."*

*Dan juri illi l-elementi legali li isawru l-kostituzzjoni ta' dawn iz-zewg reati huma ben distinti minn xulxin. Illi f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2006 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro", ic-cirkostanzi kienu bil-maqlub ta' dak in dizamina f'dina l-kawza u dana peress illi f'dik il-kawza, l-Qorti ma setatx issib htija fil-konfront ta'l-imputat ghar-reat ta' traffikar ta' dorga, ghalkemm kien hemm l-ammissjoni tieghu stess, peress illi huwa kien gie akkuzat bir-reat tal-pussess aggravat. Il-Qorti qalet:*

*"**Issa ghalkemm b'din l-ammissjoni, anki kif giet irtokkata u imsewwija fid-deposizzjoni tieghu, l-appellant gie xorta wahda qed jinkrimina ruhu tar-reat ta' pprokurar ta' droga kokajina, kif mahsub fl-art.11 u kif definit fl-artikolu 22(1)(1B) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fejn il-kelma "traffikar" tinkludi wkoll l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta'l-istess Ordinanza, dan – kif johrog mill-artikolu 22(2)(b)(i) ta'l-istess Ordinanza, huwa reat differenti minn dak li bih gie akkuzat l-appellant u cioe` il-pussess aggravat u ma jidhirx li huwa wiehed mir-reati li tista' tinstab htija tieghu bhala kap alternattiv jew addirittura bhala reat kompriz u involut fl-akkuza ta' pussess aggravat. Ghalhekk din l-Qorti, f'dan l-istadju, nonstante din l-ammissjoni, ma tistax issib htija ta' traffikar tas-sustanza kokajina ghax (l-prosekuzzjoni) ma akkuzatux bi traffikar imma biss b'pussess aggravat, li ghalkemm igib l-istess peina, skond l-artikolu 22(2)(b)(i), hu reat ghal kollox differenti, li johrog minn artikoli differenti tal-ligi.**"*

F'dak il-każ allura, il-Qorti għaddiet sabiex tillibera lill-imputat mill-akkuża ta' traffikar tad-droga eroina.

Bl-istess mod, fil-każ odjern, għalkemm il-Prosekuzzjoni setgħet anke bl-informazzjoni li kellha dak iż-żmien, takkuża lill-imputat odjern bir-reat ta' pussess aggravat, għażlet illi a bażi tal-istqarrija rilaxxjata minnu, takkużah biss bit-traffikar tal-pjanta *cannabis* u mbagħad bil-pussess sempliċi tagħha. Madankollu, stante illi l-istqarrija tal-imputat qed tiġi skartata, ma tirriżulta l-ebda prova fl-atti illi l-imputat għamel xi wieħed jew iżjed mill-atti ndikati fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101.

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia u Patrick Farrugia</u>** tal-11 ta' Frar 2002, fejn wieħed mill-aggravji tal-appellant kien fis-sens illi l-ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' *ragion fattasi* stante li ma kienx akkużat b'dan ir-reat, iżda bir-reat ta' ħsara volontarja, ingħad hekk:

"*Biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkunu jinsabu fit-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave". Proprju minhabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' hsara volontarja minn naha u ta' ragion fattasi minn naha l-ohra, iz-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor, b'mod ghalhekk li ma jistax wiehed minhom ikun kompriz u involut fl-iehor*."

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena dwar l-imputazzjoni (b), il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Marzu 2018, liema fedina penali tikkonsisti f'kundanna waħda dwar offiża ħafifa fuq il-persuna li tirrisali għas-sena 2008. Minn dakinhar tal-każ, l-imputat ma reġax xellef diffrejh mal-ġustizzja.

Qieset ukoll illi l-imputat kien minuri ta' 16-il sena meta seħħ il-każ u li għalhekk għandhom japplikaw fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat in oltre l-ammont ta' *cannabis* misjub fil-pussess tal-imputat, liema ammont ma kienx wieħed żgħir.

Qieset ukoll it-trapass taż-żmien ossia illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2009. Veru wkoll illi d-difiża ma eżentatx lill-Qorti kif preseduta milli tisma' x-xhieda ġia mismugħa quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, iżda dawn ix-xhieda nstemgħu f'seduta waħda fis-26 ta' Ottubru 2015 u minkejja dan, il-Prosekuzzjoni xorta waħda għalqet il-provi tagħha f'Mejju 2016 u għalhekk kważi seba' snin wara li seħħ il-każ. Għalkemm id-difiża talbet ukoll numru ta' differimenti waqt li l-kawża kienet tinsab fl-istadju tat-trattazzjoni finali, biss ma jistax jingħad illi fil-maġġor parti tiegħu d-dewmien kien dovut għall-imputat odjern.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a), (ċ), (d) u (e) u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b) u dan b'referenza biss għad-29 ta' Awwissu 2009 u mhux għas-sentejn ta' qabel din id-data, iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor fil-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, wieħed u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€261.55).

Tordna d-distuzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. VA2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-ħati stante illi kien minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat